Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' April 2024
(OR. en)

8207/24

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0361(COD)**

CODEC 911
TRANS 179
AVIATION 68

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 80/2009, (UE) Nru 996/2020 u (UE) Nru 165/2014 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tat-trasport bit-triq u l-avjazzjoni **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-17 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ippreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikoli 91 u 100(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Diċembru 2023[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma joħroġx opinjoni.

4. Fit-13 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[3]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil milħuq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni b'xi bidliet żgħar u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

[1] 14445/23.
[2] ĠU C, C/2024/1589, 5.3.2024.
[3] 7537/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 26/24, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.